MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 632/2011

**Carmel *sive* Charles Galea magħruf bħala Charles Galea Bonavia**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

Illi r-rikorrenti twieled ir-Rabat (Malta) fid-19 ta' Ġunju 1948 mill-ġenituri Vincent Galea u Maria neé Bonavia (ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok 'A')

Illi fis-17 ta' Diċembru 1976 ir-rikorrent iżżewweġ lil Helen Aquilina kif jirriżulta minn estratt awtentikat taż-żwieġ

2730 tas-sena 1976 hawn anness u mmarkat Dok 'B', miżmum fl-Uffiċju tar-Reġistru Pubbliku, il-Belt, Valletta.

Illi minn estratt veru mir-reġistrazzjoni bin-numru 5596 tas-sena 1948 (Dok 'A') tal-Istat Ċivili dwar Atti tat-twelid miżmuma fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, il-Belt, Valletta, fl-Att tat-twelid tar-rikorrent fil-kolonna *'Isem u Kunjom'* kunjom missier ir-rikorrent ġie ndikat bħala 'Galea'.

Illi minn dejjem ir-rikorrent kien u għadu magħruf fis-soċjeta' bil-kunjom ta' Galea Bonavia u dan kif jirriżulta, *inter alia,* minn dokumenti hawn eżibiti bħala Dok 'C' sa Dok 'I' (ara l-elenku ta' dokumenti).

*Inoltre* kemm mart ir-rikorrent kif ukoll it-tfal tiegħu huma magħruf u jġibu l-kunjom ta' Galea Bonavia kif jirriżulta minn dokumenti uffiċjali hawn annessi u mmarkati bħala Dok 'J' sa Dok 'P2'.

Illi r-rikorrent għandu interess li kemm fl-att tat-twelid tiegħu, fl-att taż-żwieġ tiegħu u ta' martu kif ukoll fid-dokumenti ufficjali kollha l-oħra li juru l-istat ċivili tiegħu miżmuma fl-Uffiċju tar-Reġistru Pubbliku, il-Belt, Valletta, inklużi l-atti tat-twelid tat-tfal tiegħu Dok 'Q' u Dok 'R' u fl-atti Ċivili kollha ta' martu ikun hemm imniżżel wara l-kunjom 'Galea' il-kunjom l-ieħor 'Bonavia' li huwa dejjem kien magħruf bih.

Illi l-fatt lamentat mir-rikorrent qed jikkaġunalu preġudizzju kbir f'aktar minn aspett wieħed tal-ħajja familjari u soċjali tiegħu billi qed ikollu dokumenti pubbliċi importanti li ma jaqblux.

Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi r-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att ta' twelid tar-rikorrent bin-numru 5596 tas-sena 1948 Dok 'A', billi fejn jirrikorri l-kunjom tiegħu 'Galea' jiddaħħal ukoll il-kunjom 'Bonavia', u / jew tiġi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti l-

annotazzjoni fil-marġini tal-imsemmi att / atti li hu magħruf ukoll bil-kunjom Galea Bonavia.

2. Tordna l-korrezzjoni tal-imsemmi att taż-żwieġ bin-numru 2730 tas-sena 1976, Dok 'B' billi fejn jirrikorri l-kunjom ta' 'Galea' jiddaħħal ukoll il-kunjom 'Bonavia', u / jew tiġi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti l-annotazzjoni fil-marġini tal-imsemmi att / atti li hu magħruf ukoll bil-kunjom Galea Bonavia.

3. Tordna l-korrezzjoni tal-atti ta' twelid bin-numru 5582 tas-sena 1984 ta' bintu Francesca Dok 'Q' u dak bin-numru 277 tas-sena 1986 ta' bintu l-oħra Michela Dok 'R' billi fejn jirrikorri l-kunjom 'Galea' jiddaħħal il-kunjom 'Bonavia', u / jew tiġi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti l-annotazzjoni fil-marġini tal-imsemmi att / atti li hu magħruf ukoll bil-kunjom Galea Bonavia.

4. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni sabiex f'kull att ieħor fejn l-isem tar-rikorrent jidher bħala 'Carmel Galea' dan għandu jiġi sostwit bl-isem ta' 'Carmel Galea Bonavia', u / jew tiġi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti l-annotazzjoni fil-marġini tal-imsemmi att / atti li hu magħruf ukoll bil-kunjom Galea Bonavia.

Bl-ispejjeż. Il-konvenut hu minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fid-19 ta' Awissu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi *in vena preliminari* wkoll, huwa essenzjali li t-talbiet tar-rikorrenti kif imniżżla fir-rikors ġuramentat tagħhom jiġu preċeduti minn talba oħra separata li permezz tagħha jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li Carmel

*sive* Charles Galea kien konsistentement imsejjaħ u magħruf bil-kunjom ***'Galea Bonavia'*** u mhux bil-kunjom ta' ***'Galea'*** kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili tiegħu;

Illi bla preġudizzju għal fuq espost, tenut kont tal-fatt li fl-Att tat-Twelid oriġinali tar-rikorrenti bin-numru progressiv 5596/1948, il-kunjom Galea jirrikorri biss wara fejn hemm indikat isem missieru, l-ewwel talba tar-rikorrenti hija insostenibbli *stante* li l-liġi viġenti ma tagħtix lok li r-raġel iżid kunjom xbubit martu maż-żwieġ.

Illi dejjem bla ebda ħsara għas-surriferit lanqas ir-raba' talba tar-rikorrenti ma tista tiġi akkolta. Fl-ewwel lok għaliex l-intimat huwa kompetenti biss fir-rigward ta' atti tal-istat ċivili u mhux tal-atti kollha tar-rikorrenti u fit-tieni lok għaliex skont l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti għandu jispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huwa qiegħed jagħmel riferenza għalihom;

Illi bla ħsara għal premess, rigward it-tieni u t-tielet talba, jekk tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-artikolu 253(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti Carmel *sive* Charles Galea u mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-dati ta' reġistrazzjoni rispettivi tagħhom kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni fl-Att taż-Żwieġ ta' Carmel *sive* Charles Galea u Helen Aquilina bin-numru ta' iskrizzjoni 2730/1976 u / jew fl-Att tat-Twelid ta' wlied ir-rikorrenti Francesca u Michela bin-numru ta' iskrizzjoni 5582/1984 u 277/1986 rispettivament u għalhekk ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni, tiswija jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmija atti tal-istat ċivili skond id-dettami tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għalhekk, għal kull bwon fini, l-esponenti jissuġġerixxi li għandha tintalab annotazzjoni fis-sens li fejn jidher Carmel *sive* Charles Galea fl-Att taż-Żwieġ bin-numru ta' iskrizzjoni 2730/1976 u fl-Atti tat-Twelid bin-numru ta'

iskrizzjoni 5582/1984 u 277/1986, jiġi miżjud il-kliem ‘***magħruf bħala Charles Galea Bonavia***’.

Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Novembru 2011 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza fis-sens li jiġi dikjarat li l-attur dejjem kien magħruf bil-kunjom ‘**Galea Bonavia**’;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi kif ġja’ ngħad il-partijiet qablu fl-aħħar verbal illi l-Qorti għandha tiddikjara illi l-attur dejjem kien magħruf bil-kunjom ‘**Galea Bonavia**’ u għalhekk il-Qorti se taderixxi għal din it-talba.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiddikjara li l-attur huwa ukoll magħruf**

**bil-kunjom 'Galea Bonavia', u tordna li fl-atti ndikati mill-attur fit-talbiet tiegħu tiġi nserita annotazzjoni f'dan is-sens.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------